**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Frar 2023**

**Rikors nru : 214/2020 AGV fl-ismijiet;**

**T O' T F C**
**VS**
**R F C-**

**IL-QORTI ;**

**RAT IR-RIKORS TAT- 12 TA' JANNAR 2022 ;**

1. Illi permezz tal-kawza fuq citata , il-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni bejniethom .
2. Illi prezentament l-aspett finanzjarju tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet huwa regolat bis-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti , b' dana li

madankollu, u f' dal-istadju , l-iskop tal-istess komunjoni bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox u dan kif ser jigi debitament spjegat.

3. Illi l-esponenti qed jitnavola dar-rikors ai termini ta-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-ghan li dil-Qorti, ai termini tal-istess artikolu, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.
4. Illi l-esponenti jirrileva umilment li kif stipulat bl-aktar mod inekwivoku, l-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili , il-Qorti tista' f ' kull zmien matul is-smiegh tal-kawza tal-firda fuq talba ta' wiehed jew l-ohra , mil-mizzewwgin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taht l-amministrazzjoni separata li tezisti bejn il-mizzewwgin.
5. Illi l-esponenti jirrileva umilment li huma ilhom separati de facto ghal aktar minn 3 snin b 'dan li effetivament il-proceduri odjerni gew intavolati iktar minn sentejn ilu, u cjoe f' Novembru 2020 u dan wara l-partijiet evidentament kienu ghaddew ukoll minn prcocess ta' medazzjoni.
6. Illi sa lum , ir-rikorrenti kellu kull opportunita' li ggib il-provi taghha b' dan li hija nghatat diversi seduti , ghal dal-iskop , tant illi fl-ahhar seduta tal- 14 ta' Dicembru 2022 , il-kawza giet differita ghal ahhar darba ghal proceduri tar-rikorrenti.
7. Illi di piu ghalkemm l-esponenti ghadu ma bediex il-provi tieghu, ghaliex naturalment jehtieg illi l-ewwel ir-rikorrenti taghlaq il-provi taghha, hu diga' pprezenta l-affidivit tieghu matul is-seduta tal- 24 ta' Gunju 2021, b ' dan li l-istess affidavit elenka bil-gurament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.
8. Illi da parti taghha l- intimata kellha kull opportunita sabiex iggib il-provi kollha taghha, b' dan li naturalment hija ma ghandha ebda ghaggla sabiex tikkonkludi dawn il-proceduri ghaliex fil-frattemp hija qed tghix fid-dar matrimonjali, flimkien ma' ulied il-partijiet, filwaqt l-esponenti, ghadu qed ihallas is-sehem tieghu fuq il-home loan.

**9.** Illi f' dar-rigward l-esponenti jirreleva umilment illi effetivament apparti l-home loan ma hemmx ebda dejn iehor li jghabbi l-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti.

**10.** Illi in oltre ma hemmx ebda kwistjoni ta' manteniment pagabbli ghall-minuri, b' dan li l-istess manteniment huwa regolat peremzz ta' digriet datat 14 ta' Lulju 2020, moghti minn dil-Onorabbli Qorti matul il-proceduri ta' medjazzjoni ta' bejn il-partiijet, u jithallas regolarment.

**11.** Illi minghajr pregidizzju ghal premess, u kif ritenut ben tajjeb minn dil-Onorabbli Qorti , fis-sentenza, 217/2014 AL, u datata 15 t' Ottubru 2015, b' referenza ghal talba ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti , xejn ma jidsta jigi mitiefes bit-talba odjerna tar-rikorrenti peress li jekk tigi x xolta l-komunjoni tal- akwisti millum, l-obbligi ta' manteniment kemm versu ir-ragel jew il-mara, kif ukoll lejn l-ulied, jibqa vigenti bejn il-partijiet, u l-istess jinghad ghal dak kollu li jaqa taht il-komunjoni tal-akkwsiti jew ta' xi immobbli parafernali tal-partijiet, stante li t-talba odjerna tkun aplikabbli biss mid-data ta' dana id-digriet il-quddiem u mhux b' mod retroattiv b'dan li fl-istess sentenza dil-Onorabbli Qorti , laqghet it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, u ddikjara li dak li qed jitlob r-rikorrenti huwa biss li l-istess komunjoni, tieqaf u ma tibqax fis-sehh u dana bl-ebda mod ma jista jikreja pregudizzju, sporporzjonat li intimata.

**12.** Illi fil-kaz odjern certament ili ma huwa ser jigi kkagunat ebda pregizzju lir-rikorrenti li kellha' il fuq minn sentejn sabiex iggib il-provi dwar i-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti , qed tghix fid-dar matrimonjali, , filwaqt li l-esponenti regoarlment qed ihallas is-sehem tieghu , fuq id-dejn relattiv, hemm manteniment illi qieghed ihallas ghal ulied minuri u l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti , primarjament, kif ir-rikorrenti kellha kull cans illi tindika fil-kors tal-proceduri odjerni , fil-fond matrimonjali , vettura u l-mobbli li jinsabu fil-propjeta' tal-partijiet.

**13.** Ili ghaldaqstat u fid-dawl ta' suespost certamrent li fil-kaz odjern, ma hu ser jigi kkawzat l-ebda tip ta' pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55 (4) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta, b' dan li sakemm tigi xolta l-kumunjoni tal-akkwsti , permezz talkawza odjerna , ikun opportun l-istess komunjoni tigi terminata minnufih, sabiex , il-partjiet jaddottaw ir-regim matrimonjali, tas-separazzjoni tal-assi.

Ghldaqstant u in vista tas-suespost ,l-esponenti jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti, joghgboha fil-waqt li tappunta dar-rikors ghas-smiegh;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-akkwisti tal-aritkolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u
2. Tordna li tali sentenza tigi notifikata lid-direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-imsemmi Kap. 16.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' T O' T F C , datata 20 ta' Jannar 2023;

Illi dir-risposta qed tigi intavolata in linea mad-digriet ta' dil-Onorabbli Qorti tal- 13 ta' Jannar 2023;

Illi permezz tar-rikors tieghu, ir-rikorrenti qed jitlob lil Onorabbli Qorti sabiex ;

*Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti ezistenti bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza ai termini tal-akkwisti tal-aritkolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u*

3. *Tordna li tali sentenza tigi notifikata lid-direttur tar-Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 (5) tal-imsemmi Kap. 16.*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

3. Illi filwaqt li l-esponenti tirrispingi bi shih l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li hija ma ghandhix interess li l-kawza tigi konkluza, mil-aktar fis b' tali mod li jipprova jaghti x' jifhem li l-esponenti tasal ittawwal il-proceduri ghaliex skontu hu tinsab f' xi posizzjoni faverevoli in kuntrast mieghu, jew inkella tinsab f' posizzjoni felici fic-cirkostanzi, tirrimarka li hija ma ghandix opposizzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti, b ' dan li kwalunkwe spejjez relatati ma' dar-rikors ghandhom jigu assorbiti minnu stante li huwa naqas milli jikomunika mal-esponenti (tramite' l-avukat) x-xewqa tieghu li jressaq dat-talbiet, qabel ghadda biex intavola r-rikors odjern.

Illi ghalhekk, ladarba ma hemmx opposizzjoni ghat-talba tar-rikorrenti ghall-waqfien tal-komunjoni, il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza in parte.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-

istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**